**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u sitta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valleta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tliet mija u ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jissospendi l-Aġenda biex jiddiskutu l-punt 'Festival taċ-Ċikkulata'.

Is-Sur Andrew Farrugia u s-Sur Mario Camilleri ġew mistiedna jipparteċipaw fid-diskussjoni.

## 4. **Festival taċ-Ċikkulata**

Is-Sindku spjega li kien tal-fehma li din is-sena bil-limitazzjonjiet finanzjarji li għandna, il-Kunsill għandu jressaq proposti differenti mis-snin preċedenti sabiex tibqa l-interess tal-pubbliku f'din l-attivita.

Is-Sur Andrew Farrugia spjega li wasal iż-żmien li l-Kunsill jikkunsidra ibiddel l-inħawi fejn issir l-attivita. Huwa ssuġġerixx li din is-sena l-attivita ssir fi Triq Kappillan Mifsud u xi toroq tal-madwar.

Is-Sur M. Caruana qal li fil-post fejn saret l-attivita sallum, il-Kunsill kien qed jgħaqqad żewġ parroċċi. Huwa tenna li fis-sit il-ġdid jistgħu jinħolqu problemi ta' traffiku peres li ssoltu kienu jingħalqu xi toroq minn ġurnata qabel l-attivita.

Is-Sur Andrew Farrugia xtaq ukoll li jinbidel l-image tal-*posters* u *flyers* tal-attivita. Is-Sur Farrugia spjega li l-attrazzjonjiet taċ-ċikkulata proposti għal din is-sena kienu *Centre Pieces*, xini kbir, wirja ta' arloġġi u / jew mutur *full-size*. Huwa kien ser jipprova jinvolvi lill-ITS biex jippreparaw wirja dwar l-istorja taċ-ċikkulata. Is-Sur Farrugia wera x-xewqa li din is-sena jkun hemm interazzjoni man-nies. Dan jista jintlaħaq billi jkun hemm logħob għat-tfal u għal kbar.

Il-*budget* għall-attivita ta' din is-sena kienet ser tkun €3,000.00 mill-Gvern, €4,000.00 mill-Kunsill u madwar €6,500.00 mill-*isponsors*.

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li forsi l-attivita ssir sena fin-naħa tal-Parroċċa Kunċizzjoni u sena fil-Parroċċa San Gejtanu.

Il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena ssir fi Triq Kappillan Mifsud. Wara għandha ssir evalwazzjoni u tittieħed deċiżjoni fir-rigward is-snin ta' wara. L-għan ewlieni tal-Kunsill huwa li l-attivita tkun suċċess u tiġġenera kummerċ għan-negozji kollha fil-Ħamrun.

Ġie deċiż li għandha tiġi studjata l-possibilta li minflokk *Billboards* issir *feature* fuq stazjonijiet televiżivi.

## 5. **Punti li joħorġu mill-Minuti**

### *5.1 Kumpanija Firetech – Car Park*

Il-Kunsill irċieva t-tieni pagament dovut għall-kera tal-Parkeġġ.

### *5.2 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premjijiet Nazzjonali lill-Intrapriża 2013*

Il-ġimgħa d-dieħla s-Sindku u s-Sur C. Valletta ser jattendu s-serata ta' preżentjazzjoni tal- Premjijiet Nazzjonali lill-Intrapriża 2013.

5.3 *Attivita' Ħamrun Fest – Era Franċiża*

Is-Sindku spjega li l-attivita kienet suċċess għall-ewwel darba li saret. Kien hemm parteċipazzjoni sabiħa mill-Għaqdiet tal-Ħamrun. Ġie deċiż li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-parteċipanti.

Il-Kunsill iddeċieda li jkellem lill-kuntrattur tad-dawl dwar xi nuqqasijiet qabel jitħallas il-kont f'dan ir-rigward

5.4 *Jum il-Ħamrun*

Il-Kunsill innota li ħadd mill-Hamrun Librerty ma attenda għas-serata ta' Jum il-Ħamrun minkejja li kienu nfurmati li kienu ser jingħataw rikonoxximent għall-50 sena anniversarju. Meta kuntattati, talbu sabiex ir-rikonoxximent jingħata waqt l-attivita tal-Għaqda fil-festa.

5.5 *Kummissjoni Festa Immakulata Kunċizzjoni – Tappieri tal-festa*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istima għat-tappieri ġodda kien ilaħħaq 'l fuq minn €2,000.00, liema somma ma tistax tiġi koperta mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ser joffri biss għajnuna f'dan ir-rigward.

5.6 *Segretarju Eżekuttiv*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ħarġet is-sejħa għal persuni interessati biex jidħlu fil-*pool* ta' Segretarji Eżekuttivi.

5.7 *Tender – Road Patching Works*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ġie ffirmat il-Kuntratt ta' *Road Patching Works* mal-kumpanija Philip Agius & Sons Ltd.

5.8 *Staff tal-Kunsill*

L-A/ Segretarju Eżekuttiv spjega li s-Sinjorina Fiorella Scicluna ser tattendi Kors għall-impjegati tal-Kunsill Lokali li jaħdmu fuq l-accounts u l-finanzi. Il-Ħlas dovut huwa dak ta' €80.00. Il-Kunsill approva li tattendi għal kors.

Il-Kunsill iddeċieda li l-Uffiċjali Eżekuttivi jintalbu jattendu l-laqgħat tal-Kunsill fuq bażi ta' *roster* sabiex ikunu jafu direttament il-*policies* deċiżi mill-Kunsill u fin-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv, ikunu f'pożizzjoni jieġdu deċiżjonjiet fid-dawl tal-istess *policies* tal-Kunsill.

## 6. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-24 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2013.

*6.1 Av. Stephanie Bonello – Allegat inċident*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Av. Bonello għan-nopm tal-klijenta s-Sinjura Grace Sultana li allegat li weġġgħet meta waqet fuq il-bankina fi Triq San Tumas. Is-Sindku spjega li nvestiga dan ir-rapport u rriżulta li s-Sinjura Sultana qed tallega li wqgħet fid-disinn tal-bankina ġdida fi Triq San Tumas. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex twieġeb uffiċjalment l-ittra biex tirrispinġi t-talbiet.

*6.2 Sur Zack C - Riklamar*

Il-Kunsill irċieva ittra sabiex isiru riklami fuq *railings* tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu osservati r-regolamenti tal-*Bye-Law* tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

*6.3 Doneo - Un/Loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kumpanija Doneoi biex issir Un/Loading Bay quddiem il-garaxx li għandhom 34/36 Triq Danny Cremona, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil Transport Malta.

*6.4 Sur Umberto D'Amico – Traffic Management*

Il-Kunsill ġie irċieva talba biex issir *traffic management* fi Triq It-Trinita minħabba żieda fit-traffiku kaġun tax-xogħolijiet fi Triq Diċembru 13. Is-Sur D'Amico ġie mitlub jikkomunika direttament ma' Transport Malta f'dan ir-rigward minħabba li x-xogħolijiet qed isiru minn Transport Malta.

*6.5 Sur Michael Attard – Konġestjoni ta' traffiku*

Il-Kunsill irċieva suġġeriment mis-Sur Attard sabiex isiru arranġamenti biex meta jitwassal id-dqiq lill-forn fi Triq Fra Gaetano Pace Forno, ma tingħalaqx it-triq. Ġie deċiż li tiġi studjata soluzzjoni f'dan ir-rigward.

*6.6 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Tappieri għall-festa*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Kappillan biex jiġu provduti tnien tappieri tal-ħadid għall-armar tal-festa. Is-Sindku spjega li ser ikellem lill-Kappillan biex jistabbilixxi eżattament dak li qed jitolbu.

*6.7 Soċjeta Mużikali San Ġużepp*

Il-Kunsill approva li jagħmel riklam bi ħlas fil-fuljett tal-Festa. Il-ħlas ser ikun ta' €30.00 għal riklam b/w ta' nofs paġna.

## 7. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*7.1 Sotto Kumitat 1*

- Il-Kunsill iddeċieda li jinbdew il-proċeduri għad-devoluzzjoni ta' xelter fi Triq Atocia.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur G. Cuschieri ltaqgħu ma' uffiċjali minn Transport Malta rigward il-*Bus Stops* u l-*Pelican Lights* fi Triq il-Kbira San Ġużepp viċin Triq Schembri. Transport Malta proponiet caqliq tal-*Bus Stops* u l-*Pelican Lights*. Ġie suġġerit li l-*Pelican Lights* ma jitpoġġewx viċin kantunieri.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-A/Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Ministru l-Onor Joe Mizzi. Waqt il-laqgħa nġibdet l-attenzjoni fir-rigward il-proġett tar-Rijabilitazzjoni ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u l-bini mill-ġdid ta' Triq Mimosa.

*7.2 Sotto Kumitat 5*

- Is-Sinjura J. Bugeja nfurmat lill-Kunsill li taf b'numru ta' studenti li kienu lesti jattendu Dra*ma Club* f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li jorganizza *Club* simili.

*7.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-aħħar laqgħa tas-Saħħa li saret kienet suċċess fejn ġie provdut servizz tal-qari tal-pressjoni u livel taz-zokkor lil persuni li attendew. Qed tiġi studjata l-possibilta li din issir kull erba' xhur.

*7.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza attivita' għall-Għġawdex nhar is-16 ta' Lulju, 2013.

- Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li attendiet Seminar dwar Anzjani fis-Soċjeta'.

- Is-Sinjura C. Borg ipproponiet li s-Sinjura Marthese Azzopardi u s-Sur Max Farrugia jinħatru membri fis-Sotto Kumitat 3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 8. Għażla ta' offerta – Street Cleaning Services

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla li nħatar mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħlu għall-Kuntratt ta' *Street Cleaning Services*. (Kopja mehmuża ma' dawn il-minuti)

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex il-Kuntratt '*Street Cleaning Sevices*" jingħata lill-Saviour Mifsud, peres li kienet l-orħos offerta u kienet tissodisfa r-rekweżiti kollha mitluba fit-Tender.

Fis-7.15p.m, il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa.

## 9. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – Jannar sa Diċembru 2012

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mill-A/Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament l-istess Rapport Amministrattiv.

## 10. Quarterly Financial Report – Jannar sa Marzu 2013

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar sa Marzu 2013. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

L-A/Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju. Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Jannar sa Marzu 2013.

## 11. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

### *11.1 Parkeġġ quddiem rampa*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet sabiex isru marki fil-karreġġata biex ma jipparkjawx vetturi quddiema irrampa li hemm fi Triq id-Duka ta' Edinburgh.

### *11.2 Reserved parking Bay fi Triq Wenzu Mallia*

Is-Sinjura J. Bugeja staqsiet meta ser issir ir-*Reserved Parking Bay* quddiem il-Liċew tas-Subien fi Triq Wenzu Mallia. Ġie spjegat li inħareġ *works order* biex ix-xogħol isir sal-ġimgħa d-dieħla.

### *11.3 Rampa Pjazza San Pawl*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet sabiex issir rampa għall-Pjazza San Pawl. L-A/Segretarju Eżekuttiv spjega li ser ikellem lill-Kuntrattur biex isir ix-xogħol meħtieġ.

*11.4 Triq Roger Debattista*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva lmenti rigward ilma li jżomm fi Triq Roger Debattista k/m Triq it-Tramm. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa ressaq diversi lmenti lill-Transport Malta f'dan ir-rigward, Ġie deċiż li jsir rapport ieħor.

Huwa spjega li rċieva lmenti li qed ikun hemm siringi ukoll fit-triq. Ġie deċiż li jsir rapport lill-Pulizija.

*11.5 Litter Bins*

Is-Sur C Valletta ssuġġerixxa li jiġu nstallati litter bins għall-ħmieġ tal-annimali madwar il-Ħamrun. Is-Sindku spjega li ser ikellem lill-GreenPak għall-kwotazzjonijiet.

*11.6 Materjal fit-Triq*

Is-Sur C. Valletta spjega li rċieva lmenti rigward materjal li qed jidħalla fit-triq minn sid ta' ħanut fi Triq Alexander k/m Triq Danny Cremona. Ġie deċiż li jsir rapport lill-pulizija.

*11.7 Tender – Ġbir ta' skart goff*

L-A/Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff jiskadi fit-22 ta' Awissu 2013. Ġie deċiż li tjnħareġ tender ġdid.

*11.8 Skart fit-triq*

Is-Sur M. Caruana talab sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Sqaq il-Għajn biex joħorġu l-iskart wara l-bibien tagħhom. Il-Kunsill qabel li jintbgħatu l-ittri.

*11.9 Qsari fi Triq Nazzarenu*

Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li uffiċjali tal-MEPA talbu lis-Sur Raymond Debattista biex ineħħi l-qsari mill-bankina. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb ittra lis-Sur Debattista fejn jiġi spjegat li l-Kunsill Lokali Ħamrun ma jsibx oġġezzjoni li l-qsari jitpoġġew fuq il-bankina u li l-istess Kunsill jinkorraġġixxi inizjattivi simili mir-residenti biex isebħu l-ambjent.

*11.20 Litter bin fi Triq San Gejtanu*

Is-Sinjura C. Borg talbet sabiex jitwaħħal *litter bin* ħdejn il-Museum fi Triq San Gejtanu. Il-Kunsill approva li jitwaħħal *litter bin*.

*11.21 Patching*

Is-Sinjura C. Borg ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fir-rigward bżonn ta' *patching* fi Triq Santa Maria k/m Triq il-Kbira u fi Triq id-Duluri quddiem bieb 35.

## 12. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-20 ta' Ġunju 2013 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 12. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-7.45pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
A/Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA